



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0254/2014

26.3.2014

RAPPORT

dwar in-negozjati dwar il-QFP 2014-2020: it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu u t-triq 'il quddiem
(2014/2005(INI))

Kumitat għall-Baġits

Korapporteurs: Jean-Luc Dehaene, Ivailo Kalfin

Rapporteur għal opinjoni (*):
Andrew Duff, Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

(*): Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	12
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI	22
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	25
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	30
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	33
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	36

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar in-negozjati dwar il-QFP 2014-2020: it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu u t-triq 'il quddiem (2014/2005(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għas-snin 2014-2020 (COM(2011)0398), emendata fis-6 ta' Lulju 2012 (COM(2012)0388), u għall-Abbozz tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni f' materji marbuta mal-baġit fir-rigward ta' ġestjoni finanzjarja soda (COM(2011)0403),
- wara li kkunsidra l-kunsens tiegħu tad-19 ta' Novembru 2013 għar-Regolament QFP, skont l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-approvazzjoni tiegħu, fl-istess jum, għall-konklużjoni tal-FII,
- wara li kkunsidra l-QFP u l-FII, kif finalment adottati fit-2 ta' Diċembru 2013 u ppubblikati f' Il-Ġurnal Uffiċjali fl-20 ta' Diċembru 2013,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar 'Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva'¹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 għall-fini li jinkiseb eżitu pożittiv għall-proċedura ta' approvazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2013 dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-ftehim politiku rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-istituzzjonijiet li jirrappreżentaw lill-gvernijiet nazzjonali⁵,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

¹ ĠU C 380 E, 11.12.2012, p. 89.

² Testi adottati, P7_TA(2012)0360.

³ Testi adottati, P7_TA(2013)0078.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2013)0304.

⁵ Testi adottati, P7_TA(2013)0599.

(A7-0254/2014),

- A. billi l-ftehim dwar il-QFP 2014-2020 kien ir-riżultat ta' negozjati twal u diffiċli li damu għaddejnin għal sentejn u nofs; billi l-ftehim politiku finali seta' jintlaħaq biss fl-ogħla livell politiku bejn it-tliet Presidenti (il-Parlament, il-Presidenza tal-Kunsill u l-Kummissjoni) skont l-Artikolu 324 tat-TFUE;
- B. billi l-livell ġenerali tal-QFP li jmiss (EUR 960 biljun f'impjenji, EUR 908 biljun f'pagamenti bi prezzijiet tal-2011), kif deċiż mill-Kunsill Ewropew u eventwalment approvat mill-Parlament, jirrappreżenta tnaqqis ta' 3.5 % f'impjenji u 3.7 % f'pagamenti meta mqabbel mal-qafas finanzjarju 2007-2013, minkejja l-kompetenzi li qed jikbru tal-UE wara t-Trattat ta' Lisbona u t-tkabbir tal-Unjoni għal 28 Stat Membru; billi dan il-livell ma jilħaqx l-għanijiet u l-impjenji politiċi tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-istrateġija Ewropa 2020;
- C. billi l-baġit annwali tal-UE se jkompli jirrappreżenta madwar 1 % tal-ING tal-UE fis-snin li ġejjin, livell li diġà ntlaħaq fil-bidu tad-disgħinijiet, u sew taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 1.29 % tal-ING tal-UE għall-impjenji u ta' 1.23 % tal-ING tal-UE għall-pagamenti, kif deċiż inizzjalment fl-1992 u kkonfermat mill-ġdid fl-2010;
- D. billi, iffaċċjat bin-nuqqas tal-possibbiltà li jinbidlu ċ-ċifri ġenerali tal-QFP deċiżi mill-Kunsill Ewropew, il-Parlament iffoka fuq it-titjib tal-implimentazzjoni tal-QFP billi n-negozja b'suċċess l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda li se jgħinu biex jagħmlu l-qafas finanzjarju ġdid u l-baġit annwali ġdid tal-UE aktar operattivi, konsistenti, trasparenti u jwieġbu għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini tal-UE u li jippermettu li l-limiti massimi tal-QFP jintużaw l-aktar possibbli; billi dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-arranġamenti l-ġodda marbuta mar-reviżjoni tal-QFP, il-flessibbiltà, l-unità u t-trasparenza tal-baġit tal-UE, flimkien ma' impenn ulterjuri dwar ir-riforma tal-finanzjament tal-baġit tal-UE (Dikjarazzjoni Konġunta dwar riżorsi proprji);
- E. billi, f'aderenza mal-prinċipju gwida li "xejn mhu maqbul sakemm kollox ikun maqbul", il-Parlament ta l-kunsens tiegħu għar-Regolament QFP il-ġdid u approva l-Ftehim Interistituzzjonali ġdid fid-19 ta' Novembru 2013, wara li l-Kunsill issodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fir-risoluzzjoni tal-Parlament tat-3 ta' Lulju 2013, inkluża l-adozzjoni ta' EUR 11.2 biljun addizzjonali f'pagamenti għall-2013;
- F. billi l-Kunsill naqas milli jagħmel kwalunkwe progress fir-riforma tant meħtieġa tas-sistema attwali għall-finanzjament tal-baġit tal-UE, minkejja l-proposti ambizzjużi mressqa mill-Kummissjoni mmirati mhux biss biex jingħeleb l-istaġnar ikkawżat min-nuqqas ta' sistema reali għar-riżorsi proprji imma wkoll biex is-sistema tal-finanzjament tal-baġit tal-UE tkun iżjed sempliċi, iktar ġusta u trasparenti għaċ-ċittadini tal-UE;
- G. billi, wara l-ftehim dwar il-QFP 2014-2020, il-QFP għadu ma jaqbilx mal-mandati tal-Parlament u tal-Kummissjoni li l-mandati tagħhom jibdew fl-2014;
- H. billi ma ġewx sfruttati l-possibbiltajiet li saru disponibbli fit-Trattat ta' Lisbona biex jiġu modifikati l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-QFP u d-deċiżjonijiet dwar ir-riżorsi proprji;

1. Jiddispjaċih bil-qawwa għall-fatt li kemm il-proċedura li twassal għall-ftehim dwar il-QFP 2014-2020 kif ukoll id-dibattitu politiku madwar dawn in-negozjati wrew nuqqas ċar ta' viżjoni kondiviża fir-rigward tal-baġit u l-prijoritajiet politiċi tal-UE, urew li jeżistu approċċi diverġenti ħafna fost l-istituzzjonijiet tal-UE, u naqsu milli jissodisfaw ir-rwol u l-prerogattivi msaħħa tal-Parlament skont it-Trattat ta' Lisbona; jikkunsidra li huwa tal-akbar importanza, għalhekk, li dan ir-rapport jislet it-tagħlimiet politiċi u istituzzjonali meħtieġa, li jistgħu jservu ta' bażi għat-tnejn ta' negozjati futuri, speċjalment fir-rigward tar-reviżjoni postelettorali tal-QFP, li għandha titnieda mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tmiem l-2016;

Kunsiderazzjonijiet politiċi

2. Jirrikonoxxi li l-konsolidazzjoni fiskali li l-Istati Membri qed jiffaċċjaw attwalment waslet biex ftehim aktar ambizzjuż dwar il-QFP 2014-2020 ma jkunx fattibbli; madankollu, jiddispjaċih bil-qawwa, għall-fatt li r-rwol tal-baġit tal-UE bħala strument ta' politika importanti u komuni sabiex tingħeleb il-kriżi ekonomika u soċjali attwali ma kienx rikonoxxut kif xieraq; jirrimarka li l-baġit tal-UE huwa primarjament baġit ta' investiment li jipprovdi qafas uniku għall-koordinazzjoni u t-titjib tal-isforzi nazzjonali mwettqa bil-ħsieb li jerġa' jiġi rkuprat it-tkabbir, tiġi stimolata l-kompetittività u jinħolqu l-impiegi fl-UE kollha;
3. Jinsab mħasseb ħafna għall-fatt li dibattiti baġitarji fil-Kunsill kienu għal bosta snin ivvelenati bil-loġika ta' 'qligħ ġust' minflok immexxija bil-loġika tal-valur miżjud Ewropew; iqis li, waqt li dan id-dibattitu diġà kien jeżisti qabel l-introduzzjoni ta' ING ibbażat fuq ir-riżorsi, is-sitwazzjoni intensifikat serjament minħabba s-sistema attwali tal-finanzjament tal-UE, fejn xi 74 % tad-dħul jiġu minn kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq l-ING flok fuq ir-riżorsi proprji reali, kif previst fit-Trattat ta' Ruma u t-Trattati tal-UE kollha li ġew wara; iqis li din is-sistema tpoġġi enfasi sproporzjonata fuq il-bilanċi netti bejn l-Istati Membri u wasslet għall-introduzzjoni progressiva ta' tnaqqis kumpless u mhux trasparenti u ta' mekkaniżmi ta' korrezzjoni oħra għall-finanzjament tal-baġit tal-UE;
4. Jemmen li din il-loġika rebħet ukoll fil-mod kif ġie konkluż il-ftehim QFP mill-Kunsill Ewropew fit-8 ta' Frar 2013; jikkunsidra li huwa ta' dispjaċir li dan kien rifless fil-fatt li l-allokkazzjonijiet nazzjonali, speċjalment mill-ikbar żewġ blokki tan-nefqa fil-baġit tal-UE, il-politiki tal-agrikoltura u tal-koeżjoni, ġew stabbiliti f'dak il-mument; jikkritika, b'mod partikolari, iż-żieda fl-għadd ta' allokkazzjonijiet speċjali u ta' 'rigali' mogħtija matul in-negozjati bejn il-Kaprijiet ta' Stat u ta' Gvern, li mhumiex ibbażati fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli, iżda minflok jirriflettu s-saħħa ta' negozjar tal-Istati Membri, li jippruvaw jiżguraw l-interessi nazzjonali tagħhom u jimmassimizzaw il-qligħ nett tagħhom; jikkundanna n-nuqqas ta' trasparenza biex intlaħaq dan il-ftehim u n-nuqqas ta' rieda min-naħa tal-Kunsill u tal-Kummissjoni biex jipprovdu d-dokumenti rilevanti kollha lill-Parlament; jenfasizza li l-valur miżjud Ewropew għandu jerbaħ fuq l-interessi nazzjonali;
5. Jopponi bil-qawwa din il-viżjoni purament ta' kontabbiltà tal-baġit tal-UE, li tinjora l-valur miżjud Ewropew, tikkontradixxi l-prinċipju ta' solidarjetà tal-UE u tissottovaluta r-rwol attwali u potenzjali tal-baġit tal-UE fit-tisħiħ tal-governanza ekonomika;

jenfasizza, li fil-maġġoranza, il-baġit tal-UE huwa baġit ta' investment b'effett ta' lieva qawwi li jagħmel għadd ta' proġetti possibbli li inkella jkunu diffiċli jew impossibbli li jiġu implimentati kif ukoll katalist għat-tkabbir, il-kompetittività u l-impjegi mal-Unjoni kollha u aġent b'saħħtu għar-riforma; għaldaqstant, jikkundanna bil-qawwa l-fatt li xi Stati Membri jidher li jqisu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-baġit tal-UE purament bħala spiża li trid tiġi minimizzata;

6. Jiddispijaċi li l-Kunsill Ewropew ħa approċċ "minn fuq għal isfel" biex jiddeċiedi d-daqs globali tal-QFP 2014-2020, li jindika diskrepanza inkwetanti bejn l-impenji politiċi tal-UE li l-Kunsill Ewropew qed iwettaq u n-nuqqas ta' rieda tiegħu li jiffinanzjahom b'mod adegwat; jemma, għall-kuntrarju, li din id-deċiżjoni għandha tkun ibbażata fuq proċess "minn isfel għal fuq", wara valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-UE u l-għanijiet politiċi kif stabbiliti fil-programmi u l-politiki pluriennali tal-UE definiti mill-awtorità leġiżlattiva;
7. Għalhekk, jinsab konvint li kull deċiżjoni dwar il-qafas finanzjarju għandha tkun preċeduta minn - u bbażata fuq - dibattitu politiku ġenwin dwar ir-rwol, il-funzjoni u l-valur miżjud tal-baġit tal-UE u dwar il-kompatibbiltà tiegħu mal-istrateġija politika adottata mill-Unjoni u mal-prijoritajiet u l-għanijiet operattivi assenjati lill-Unjoni; iqis li, sabiex jitnaqqas id-distakk bejn il-viżjonijiet diverġenti dwar x'jirrappreżenta l-baġit tal-UE u x'kapaċi jagħmel, dan id-dibattitu għandu jiġi organizzat f'waqtu u jinvolvi t-tliet istituzzjonijiet tal-UE u l-parlamenti nazzjonali kollha, iżda jinvolvi wkoll l-ogħla livell politiku fl-Istati Membri;
8. Barra minn hekk, jinsab konvint li progress tanġibbli jista' jintlaħaq biss wara riforma fil-fond tal-finanzjament tal-baġit tal-UE li għandu jirrispetta l-kelma u l-ispirtu tat-Trattat u jerġa' lura għal sistema ta' riżorsi proprji ġenwini, ċari, sempliċi u ġusti; jenfasizza li l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda jew ta' diversi riżorsi proprji ġodda se tnaqqas għal minimu s-sehem tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING għall-baġit tal-UE u, għaldaqstant, jonqos il-piż fuq it-teżori nazzjonali; itenni l-impenn qawwi tal-Parlament għal kwalunkwe proċess li jwassal għar-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji, li attwalment hija kkaratterizzata mill-kumplessità, l-opaċità u l-ineffċjenza tagħha; jiddispijaċi li l-ftehim finali tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji huwa iżjed kumpless minn dak ta' qablu, ladarba introduċa rifużjonijiet u eċċezzjonijiet ġodda.

Kunsiderazzjonijiet istituzzjonali

9. Ifakkar li l-Parlament kien l-ewwel istituzzjoni tal-UE li ppreżenta l-viżjoni tiegħu dwar il-QFP 2014-2020 u l-ħtieġa li jiġi rriformat il-finanzjament tal-baġit tal-UE, permezz tar-rapport tal-Kumitat speċjalizzat tiegħu SURE, f'Ġunju 2011; jemma li din il-preparazzjoni bikrija għenet lill-Parlament jistabbilixxi konsensus kbir dwar prijoritajiet politiċi u jibqa' magħqud matul il-proċess ta' negozjar ta' wara; iqis ukoll li dan ir-rapport ipprova gwida għall-Kummissjoni fl-abbozzar tal-proposti tagħha stess dwar il-QFP u r-riżorsi proprji u japprezza d-djalogu politiku regolari li ġie stabbilit bejn iż-żewġ istituzzjonijiet fl-istadji kollha tal-preparazzjoni ta' dan ir-rapport; iqis li din il-prattika għandha tiġi żviluppata ulterjorment fi djalogu aktar strutturat bejn iż-żewġ istituzzjonijiet qabel il-preparazzjoni ta' kwalunkwe proposta tal-QFP;

10. Ifakkar li, skont l-Artikolu 312 tat-TFUE, il-Kunsill unanimament jadotta r-Regolament QFP wara l-approvazzjoni tal-Parlament, filwaqt li t-tliet istituzzjonijiet tal-UE “għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tiegħu”; jinnota, għalhekk, li t-Trattat ma jistabbilixxi xi proċedura konkreta għall-involvement tal-Parlament fin-negozjati tal-QFP u li dawn il-modalitajiet kienu sussegwentement iddeterminati fil-prattika permezz ta’ għadd ta’ arranġamenti ad hoc miftiehma fil-livell politiku fuq l-inizjattiva tal-Parlament;
11. Iqis li huwa ta’ dispjaċir li, qabel il-ftehim tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP tat-8 ta’ Frar 2013, ma saru l-ebda negozjati sinifikanti bejn il-Parlament u l-Kunsill; iqis li l-bosta laqgħat li saru bejn it-tim tan-negozjati tiegħu u l-presidenzi suċċessivi tal-Kunsill fuq il-marġini tal-laqgħat rilevanti tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, u l-parteċipazzjoni tiegħu fil-laqgħat informali tal-Kunsill dwar il-QFP, iffaċilitaw biss il-kondiviżjoni ta’ ftit informazzjoni bejn il-Kunsill u l-Parlament; għaldaqstant, iħoss il-ħtieġa li l-Parlament jibni ulterjorment fuq l-esperjenza miksuba u juża l-mezzi kollha disponibbli biex isaħħaħ l-influwenza tiegħu fuq l-ispirtu, il-kalendarju u l-kontenut tan-negozjati mal-Kunsill, billi jagħmel mezz li l-Kunsill jirrikonoxxi aktar l-argumenti u l-pożizzjonijiet tal-Parlament;
12. Jiddeplora l-fatt li, minkejja l-oġġezzjonijiet qawwija tal-Parlament, il-‘kaxxi tan-negozjar’ suċċessivi kollha ppreżentati mill-presidenzi differenti tal-Kunsill u, finalment, il-ftehim tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP tat-8 ta’ Frar 2013 kien fihom għadd sinifikanti ta’ elementi leġislattivi li suppost kienu ġew deċiżi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja; jenfasizza li l-unanimità meħtieġa legalment fil-Kunsill dwar ir-Regolament QFP setgħet tintlaħaq biss billi jiġu antiċipati ċerti bidliet politiċi ewlenin fil-politiki settorjali tal-UE, biex b’hekk ġew imfixkla, f’kontradizzjoni ċara mat-Trattat, il-prerogattivi tal-Parlament taħt il-kodeċiżjoni u b’mod partikolari d-dritt tiegħu li jemenda fuq l-istess livell tal-Kunsill;
13. Jinnota li negozjati ġenwini dwar ir-Regolament QFP u l-FII tnedew biss f’Mejju 2013, fejn in-negozjaturi tal-Kunsill ma kellhomx mandat formali għan-negozjati imma minflok ikkunsidraw il-ftehim QFP mill-Kunsill Ewropew bħala l-uniku punt ta’ referenza, bl-ebda marġini għal kwalunkwe diskussjoni; jenfasizza li din l-attitudni mhux biss wasslet għal telf ta’ żmien bla bżonn iżda wkoll għall-attentat inaċċettabbli mill-Kunsill li jiġu esklużi ċerti suġġetti min-negozjati, li ġiegħlet lill-Parlament jitħabat, anke fl-oġġla livell politiku, sabiex jidħol f’negozjati fuq kull Artikolu tar-Regolament QFP/FII;
14. Ifakkar li, skont it-Trattat, il-Kunsill Ewropew ma għandux funzjonijiet leġislattivi; jinsisti, għalhekk, li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew għandhom jiġu meqjusa bħala struzzjonijiet ta’ negozjar għall-Kunsill u li fl-ebda każ ma jikkostitwixxu linji ħomor li ma jistgħux jiġu nnegozjati mal-Parlament; jitlob għal formula standard li tfakkar fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(1) tat-TFUE li għandhom jiġu inklużi fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew;
15. Jiddispjaċih bil-qawwi għall-fatt li l-istess problema ħalliet marka fuq in-negozjati dwar il-programmi pluriennali tal-UE, l-aktar fil-politika tal-agrikoltura u l-koeżjoni; jinnota li diversi drabi l-Kunsill irrifjuta anke li jirreferi għall-‘aspetti relatati mal-QFP’ ta’

dawk il-bażijiet legali; jenfasizza l-isforz konsiderevoli u l-ħin li kien meħtieġ mill-Parlament biex jiġi żgurati li l-punti kollha tal-bażijiet legali deċiżi b'kodeċiżjoni bejn il-Kunsill u l-Parlament jibqgħu fuq il-mejda tan-negożjati; jinnota b'sodisfazzjon li n-negożjaturi tal-Parlament eventwalment irnexxielhom jikkontestaw xi partijiet mill-ftehim tal-Kunsill Ewropew;

16. Jinnota li ċ-ċifri tal-QFP (il-livell globali u d-distribuzzjoni għal kull intestatura), kif deċiż mill-Kunsill Ewropew, fl-aħħar ma kinux ikkontestati mill-Parlament, li rrikonoxxa l-kuntest ekonomiku u finanzjarju partikolarment diffiċli fil-mument ta' din id-deċiżjoni; jenfasizza, madankollu, li dan m'għandu bl-ebda mod jiġi perċepit bħala preċedent u jtenni l-pożizzjoni tiegħu li ċ-ċifri tal-QFP, u kull parti oħra tal-ftehim politiku rilevanti tal-Kunsill Ewropew, huma suġġetti għal negożjati mal-Parlament;
17. Jenfasizza l-ħtieġa li b'mod sinifikanti jitjiebu l-modalitajiet ta' kwalunkwe negożjati tal-QFP futuri, sabiex jiġu evitati mblokki u jiġi ffrankat il-ħin prezzjuż u r-riżorsi matul in-negożjati; iqis li dawn il-modalitajiet għandhom jiġu formalizzati fi ftehim fl-ogħla livell politiku, li għandu jikkunsidra n-nuqqasijiet tan-negożjati riċenti u jissalvagwardja bis-sħiħ ir-rwol u l-prerogattivi tal-Parlament, kif stipulat fit-Trattat tal-UE; iqis li din il-proċedura għandha eventwalment titniżżel fl-FII nnifsu, kif huwa l-każ għall-proċedura baġitarja;
18. Jindika l-ammont tremend ta' skambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni meħtieġa fil-Parlament biex tiġi żgurata l-konsistenza fin-negożjati paralleli tal-QFP u l-bażijiet leġiżlattivi ta' iżjed minn 60 programm pluriennali; jenfasizza li huwa ta' importanza kbira li ssir distinzjoni bejn il-kwistjonijiet li għandhom jiġu adottati b'kodeċiżjoni u jinżammu fil-mandat tal-kumitati rispettivi safejn ikun possibbli; jissuġġerixxi li fin-negożjati tal-QFP li jmiss, il-Parlament Ewropew għandu jittratta l-proposti leġiżlattivi b'mod parallel u finalment jadottahom bħala pakett u japplika l-prinċipju li "xejn mhu maqbul sakemm kollox ikun maqbul" safejn ikun possibbli;
19. Huwa konvint li r-regola tal-unanimità fil-Kunsill tfisser li l-ftehim jirrappreżenta l-iżgħar denominatur komuni, abbażi tal-ħtieġa li jiġi evitat il-veto ta' Stat Membru wieħed; jenfasizza li bidla lejn votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għar-Regolament QFP tkun konformi mhux biss mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, użata għall-adozzjoni ta' kważi l-programmi pluriennali kollha tal-UE, iżda wkoll mal-proċedura annwali ta' adozzjoni tal-baġit tal-UE;
20. Jinnota li l-kawsola passerelle ġenerali (Artikolu 48(7) TUE) tista' tintuża mill-Kunsill Ewropew biex tagħmel bidla lejn votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u l-proċedura leġiżlattiva ordinarja għar-riżorsi proprji u d-deċiżjonijiet tal-QFP; ifakkar, barra minn hekk, li l-Artikolu 312(2) TFUE xorta jippermetti l-adozzjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għall-QFP; iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew juża dawn iż-żewġ passerelles għall-finijiet intiżi sabiex it-teħid tad-deċiżjonijiet fil-Kunsill jiġu simplifikati u jiġi limitat sa fejn il-politika ta' 'juste retour' nazzjonali tirbaħ fuq l-artikolazzjoni tal-interess komuni tal-Unjoni bħala ħaġa waħda;

QFP 2014-2020: it-triq 'il quddiem

21. Jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jiżgura li d-dispożizzjonijiet ġodda kollha li ġew

inkorporati b'suċċess fir-Regolament QFP u l-FII huma utilizzati b'mod sħiħ fil-proċedura baġitarja annwali; jistenna li l-Kunsill ma jippruvax jimponi interpretazzjonijiet ristretti ta' dawn id-dispożizzjonijiet, speċjalment fuq in-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti speċjali kollha, iżda li minflok jaġixxi b'mod responsabbli u japprova l-approprijazzjonijiet neċessarji biex jissodisfa kemm l-impenji ta' qabel tiegħu kif ukoll in-nefqa mhux prevista anke jekk, minħabba dan, ikun meħtieġ li jinqabżu l-limiti massimi tal-QFP annwali; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-limiti massimi tal-QFP 2014-2020 ġew stabbiliti ħafna inqas mil-limiti massimi tar-riżorsi proprji;

22. Jaġħmel enfasi partikolari fuq ir-regoli ġodda dwar il-flessibilità li għandhom jippermettu l-użu massimu tal-limiti massimi rispettivi tal-QFP għall-impenji u l-pagamenti; jenfasizza li l-prattika ta' oqfsa finanzjarji preċedenti li biha l-baġit annwali tal-UE kien jibqa' ferm taħt il-limiti massimi tal-QFP, partikolarment fl-approprijazzjonijiet ta' pagamenti, ma tistax tiġi sostnuta aktar;
23. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, li r-RALs akkumulati laħqu livell kritiku li eventwalment jista' jwassal lill-baġit tal-UE f'defiċit strutturali u kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat (Artikoli 310 u 323 tat-TFUE); jinsab imħasseb sew li l-ammont ta' kontijiet mhux imħallsa fi tmiem is-sena ilu jikber gradwalment mill-2011 (EUR 23,4 biljun fi tmiem l-2013 mill-politika ta' koeżjoni biss), li se tqiegħed pressjoni sinifikanti fuq il-limiti massimi tal-pagamenti tal-QFP 2014-2020; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti limiti massimi tal-pagamenti annwali tal-QFP b'mod preċiż billi jitqiesu, fost l-oħrajn, id-dinamiċi tal-politika ta' koeżjoni, inkluż iż-żmien ta' programmazzjoni, implimentazzjoni, għeluq finali tal-programmi u diżimpenji;
24. Jenfasizza li l-għan tal-marġini globali għall-impenji huwa li jappoġġja l-investimenti għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa, u b'mod partikolari l-impjieg taż-żgħażaġħ; ifakkar li dan l-istrument kien inizjattiva tal-Parlament Ewropew;
25. Ifakkar li l-Kummissjoni li jmiss, li se tidħol fil-kariga wara l-elezzjonijiet Ewropej 2014, għandha tniedi evalwazzjoni u reviżjoni obbligatorja tal-QFP 2014-2020 sa tmiem l-2016; jenfasizza l-fatt li din il-klawsola postelettorali ta' rieżami/reviżjoni tal-QFP kienet waħda mit-talbiet fundamentali tal-Parlament fin-negożjati tal-QFP, ibbażata fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Parlament li jmiss ikunu jistgħu jergħu jivvalutaw il-prijoritajiet politiċi tal-UE, b'hekk il-QFP jingħata leġittimità demokratika mġedda; jenfasizza li, wara l-kriżi ekonomika, il-livelli ta' investiment fl-Ewropa naqsu b'mod sinifikanti bejn l-2008 u l-2012 u jfakkar li skont xi estimi¹, sal-2020 se jiswa lill-kontinent EUR 540 biljun f'redditi mitlufa;
26. Jenfasizza l-ħtieġa, fid-dawl tar-rieżami/reviżjoni postelettorali tal-QFP, li l-Parlament li jmiss jirrifletti f'waqtu fuq il-prijoritajiet politiċi, jiġifieri, biex jidentifika oqsma li għalihom aktar investimenti se jkunu meħtieġa fit-tieni nofs tal-QFP 2014-2020; jistieden, għal dan il-għan, lill-Kummissjoni u lill-Parlament li jmiss biex jevalwaw b'attenzjoni l-kisbiet tal-miri tal-istrateġija Ewropa 2020, partikolarment f'termini ta' impjiegi u tal-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika, kif ukoll il-prestazzjoni ta' programmi

¹ Preżentazzjoni mill-President tal-Bord ta' Gvernaturi tal-BEI matul il-Ġimgħa Interparlamentari Ewropea 2014, tal-21 ta' Jannar 2014.

ewlenin tal-UE, bħall-Orizzont 2020, sabiex isir iffukar fuq oqsma ta' valur miżjud pruvat tan-nefqa tal-UE u li għalihom se jkunu meħtieġa riżorsi finanzjarji addizzjonali;

27. Jitlob li r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP jiġi ppreparat għal tnaqqis eventwali fil-perjodu għal liema jiġi miftiehem il-QFP li jmiss, sabiex ikun żgurat in-negozjar mill-ġdid waqt il-mandat ta' kull Parlament u Kummissjoni, biex b'hekk tiġi żgurata l-leġittimità demokratika sħiħa għal deċiżjonijiet regolari dwar il-perspettivi finanzjarji tal-Unjoni, filwaqt li jittieħdu passi biex tiġi sodisfatta l-ħtieġa għal stabbiltà ta' ċikli ta' programmazzjoni u għall-prevedibbiltà tal-investment; jemmen bil-qawwa li ċiklu ta' ħames snin għall-QFP isaħħaħ il-leġittimità demokratika, itejjeb il-prijoritizzazzjoni tal-mezzi baġitarji u jista' jitqies bħala prekondizzjoni għal iżjed dibattitu politiku;
28. Jenfasizza li l-proposti tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tal-QFP għandhom jikkunsidraw bis-sħiħ l-aħħar projezzjonijiet makroekonomiċi u jinkludu valutazzjoni bir-reqqa tal-operat tal-istrumenti speċjali kollha, b'mod partikolari l-marġini globali fl-impenji u l-pagamenti; ifakkar li dan il-proċess mhux se jkollu impatt 'l isfel fuq xi pakketti nazzjonali allokatati minn qabel, inkluż is-sehem tal-FSE ta' dawn il-pakketti nazzjonali; f'dan il-kuntest, jistenna li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament u lill-Kunsill b'data identika u konsistenti dwar ċifri u stimi sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' ftehim fin-negozjati fir-rigward tal-bażi għad-diskussjoni;
29. Jenfasizza l-ħtieġa li tkun stimolata diskussjoni wiesgħa u miftuħa dwar ir-riżultati miksuba bil-programmi ta' finanzjament tal-UE, u b'mod partikolari valutazzjoni safejn dawn il-programmi jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet tal-Ewropa 2020;
30. Jenfasizza li l-istrumenti finanzjarji innovattivi bħall-bonds tal-proġetti Ewropej, jista' jkollhom rwol importanti ħafna fl-istimolu tal-investimenti ferm meħtieġa jekk jiġu mfassla tajjeb; iħeġġeġ lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward tagħmel l-aħjar użu mill-evalwazzjoni li jmiss tagħhom anke fil-kuntest tar-rieżami/reviżjoni tal-QFP 2014-2020;
31. Jilqa' d-Dikjarazzjoni Konġunta tat-tliet istituzzjonijiet miftiehma fil-kuntest tan-negozjati QFP li skontha l-proċeduri baġitarji annwali ser jintegraw, kif xieraq, elementi sensittivi għall-kwistjoni tal-ġeneru, b'kont meħud tal-modi li l-qafas finanzjarju ġenerali tal-Unjoni jikkontribwixxi għal iktar ugwaljanza bejn is-sessi (u jiżgura l-integrazzjoni tas-sessi); jenfasizza li dawn il-prinċipji għandhom ikunu integrati fil-proposti tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-QFP;
32. Itenni l-intenzjoni tiegħu li jagħmel ir-reviżjoni obbligatorja tal-QFP bħala rekwiżit ewlieni fl-investitura tal-Kummissjoni li jmiss; jistieden, għalhekk, lill-Parlament Ewropew li jmiss biex l-elezzjoni tal-kandidat propost għall-President tal-Kummissjoni tiddependi fuq impenn qawwi u mhux ambigwu biex tiġi implimentata l-klawsola postelettorali ta' rieżami/reviżjoni u l-involviment fi djalogu politiku ġenwin u profond dwar il-kontenut tagħha;
33. Jinnota li l-Artikoli 70 u 70a l-ġodda (negozjati interistituzzjonali fi proċeduri leġislattivi) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament se japplikaw għaċ-ċiklu ta' negozjati li jmiss; jirrakkomanda li, fil-bidu tal-mandat li jmiss tal-Parlament, il-kumitat responsabbli mir-Regoli ta' Proċedura jintalab jipprova jirrazzjonalizza daww ir-regoli

mal-Artikolu 75 (QFP), l-Artikolu 75c (trilogu finanzjarju) u l-Artikolu 81(3) (proċedura ta' approvazzjoni) bil-ħsieb li jitfassal Artikolu koerenti uniku speċifiku għall-proċeduri leġiżlattivi speċjali stabbiliti fl-Artikoli 311 u 312 TFUE rigward id-determinazzjoni tal-mandat, it-tweġiq tat-trilogi (inkluż ir-rwol tal-President), u l-iskrutinju mill-plenarja;

34. Jikkunsidra li, meta ssir ir-reviżjoni li jmiss tat-Trattati, il-Konvenzjoni għandha tagħmel proposti għal sistema ta' kodeċiżjoni ġenwina bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar l-adozzjoni tal-QFP u d-deċiżjonijiet tar-riżorsi proprji;
35. Jemmen bis-šhih li l-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji jirrappreżenta opportunità unika biex jingħeleb l-imblokk li rriżulta minħabba r-riforma tas-sistema attwali tar-riżorsi proprji; jistenna li dan jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex ikun hemm għarfien tan-nuqqasijiet tas-sistema attwali u l-benefiċċji li jistgħu joħorġu minn riforma komprensiva u bir-reqqa u l-introduzzjoni tar-riżorsi proprji ġodda u ġenwini li jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti s-sehem tal-kontribuzzjonijiet tal-ING għall-baġit tal-UE;
36. Ifakkar li l-Grupp ta' Livell Għoli għandu mandat li jeżamina l-aspetti kollha tar-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji; huwa impenjat bis-šhih li jaħdem b'mod intensiv, permezz tat-tliet rappreżentanti tiegħu, fl-istadji kollha ta' dan il-proċess u li jwasslu għall-konklużjoni tiegħu b'suċċess; jistrieħ fuq ir-‘responsabbiltà’ u l-impenn ugwali tal-Kunsill lejn dan il-proċess; jenfasizza l-ħtieġa li jitqajjem l-għarfien anke fost il-parlamenti nazzjonali dwar il-kwistjonijiet involuti; jenfasizza li s-sejbiet u l-konklużjonijiet ta' dan il-Grupp ta' Livell Għoli għandhom ikunu lesti fil-ħin biex ikunu kkunsidrati matul ir-rieżami/reviżjoni tal-QFP 2016, sabiex titwitta t-triq għal riformi possibbli biex isiru operattivi sal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;
37. Jesprimi l-konvinzjoni soda tiegħu li kwalunkwe kapaċità fiskali ġdida jew baġit żviluppati speċifikament għall-Istati Membri taż-żona tal-euro li l-funzjonijiet fiskali tagħhom mhumiex koperti mill-QFP għandhom jiġu żviluppati fil-qafas tal-Unjoni u għandhom ikunu suġġetti għal skrutinju demokratiku xieraq u kontabilità permezz tal-istituzzjonijiet eżistenti;
38. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Sfond

L-ippjanar finanzjarju pluriennali tal-UE kien introdott għall-ewwel darba fl-1988 bil-għan li jingħelbu l-kriżijiet tal-baġit tal-UE fl-aħħar tas-snin sebgħin u tas-snin tmenin. Dawk il-kriżijiet spiss iddeġeneraw f'kunflitt miftuħ bejn il-Kunsill u l-Parlament, li wassal għal nuqqas ta' adozzjoni tal-baġits annwali tal-UE għall-1980, 1985, 1986 u l-1988 sakemm is-sena finanzjarja kienet daħlet ġmielha.

Bl-istabbiliment tal-ammont massimu annwali ("limiti massimi") għan-nefqa totali tal-UE (kemm f'impenji kif ukoll f'pagamenti) kif ukoll limiti massimi skont l-oqsma ta' politika ("intestaturi") ta' nfiq tal-UE, l-għan ewlieni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) huwa li jiġi żgurat livell qawwi ta' prevedibbiltà, żvilupp ordinat tan-nefqa f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tal-UE filwaqt li jiġi rrispettat il-limitu massimu tar-riżorsi proprji (OR) tal-Unjoni. Il-limitu massimu tar-riżorsi proprji kien ġie inizjalment deċiż fl-1992 u kkonfermat mill-ġdid fl-2010 għal 1,23 % tal-ING tal-UE (f'pagamenti).

Storikament, il-baġits annwalment adottati tal-UE dejjem kienu taħt il-limiti massimi ġenerali tal-QFP.

Filwaqt li sad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Kunsill, il-PE u l-Kummissjoni qablu fuq QFP permezz tal-adozzjoni ta' Ftehim Interistituzzjonali, it-Trattat ta' Lisbona fformalizza l-prattika tal-ippjanar finanzjarju pluriennali u jipprovdi li l-QFP issa se jkun stabbilit f'Regolament tal-Kunsill għal perjodu ta' mill-anqas ħames snin (l-Artikolu 312 tat-TFUE). Proċedura leġislattiva speċjali tapplika għall-adozzjoni tiegħu bil-Kunsill jaġixxi unanimament wara li jirċievi l-kunsens tal-PE. It-Trattat ta' Lisbona jipprovdi għall-possibbiltà li jiġi adottat l-FII, li jikkumplementa r-Regolament QFP.

Il-passi ewlenin tan-negozjati tal-QFP 2014-2020 jistgħu jiġu miġbura kif ġej:

- 16/06/2010: L-istabbiliment tal-Kumitat SURE tal-PE
- 08/06/2011: L-adozzjoni mill-PE tar-rapport SURE dwar "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"
- 29/06/2011: Proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2014-2020 u l-FII l-ġdid, segwita minn aktar minn 60 proposta leġislattiva li jkopru l-programmi pluriennali ta' nfiq kollha
- 06/07/2012: Proposta aġġornata tal-Kummissjoni għal QFP ġdid
- 21/05/2012: L-ewwel kaxxa ta' negozjar tal-Kunsill
- 23/10/2012: Rapport Interim tal-PE (riżoluzzjoni tal-PE bil-għan li jinkiseb eżitu pożittiv dwar l-approvazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020)
- 23/11/2012: Ebda ftehim ma ntlaħaq matul il-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew li saret f'Novembru 2012 wara l-ewwel proposti numerużi mill-Presidenza Ċiprijotta tal-Kunsill u mill-President tal-Kunsill Ewropew
- 08/02/2013: Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP
- 13/03/2013: Riżoluzzjoni tal-PE u konklużjonijiet tal-KE
- 13/05/2013: L-ewwel laqgħa uffiċjali tat-trilogu
- 27/06/2013: Ftehim politiku dwar il-QFP, segwit minn riżoluzzjoni tal-PE tat-3/07 li

tapprova l-ftehim politiku dwar il-QFP

- 19/11/2013: Kunsens “formali” tal-PE dwar il-QFP

- 02/12/2013: Adozzjoni formali tar-Regolament QFP mill-Kunsill u tal-FII

Il-proposta inizjali u l-pożizzjoni ta' negozjar tal-PE

Il-pożizzjoni tal-PE dwar il-livell u l-ambizzjoni tal-QFP, l-ewwel ġiet definita fir-rapport speċjali tal-Kumitat SURE tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar “Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva”, li – fid-dawl tal-għanijiet ambizzjużi tal-Unjoni għas-snin li ġejjin – ikkunsidra bħala neċessità ż-żieda fil-limiti massimi ġenerali tal-QFP (impenji u pagamenti) ta' mill-anqas 5 % meta mqabbla mal-limiti massimi tal-2013. Il-PE insista fuq konċentrazzjoni akbar ta' riżorsi f'oqsma li jstimulaw it-tkabbir u l-kompetittività, bil-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jibqgħu tal-anqas fl-istess livell bħal fil-perjodu 2007-2013. Għall-infiq fl-agrikoltura, l-ammonti allokatil fl-2013 għandhom tal-anqas jibqgħu l-istess. Abbażi tal-mandat politiku mogħti fir-rapport SURE, il-PE elabora l-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu fir-Rapport Interim dwar il-QFP tat-23 ta' Ottubru 2012.

Filwaqt li ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jwettaq negozjati sħaħ mal-Kunsill fuq kull Artikolu tar-Regolament QFP u l-FII korrispondenti, il-Parlament iddefinixxa **ħames punti ewlenin** għan-negozjati: livell biżżejjed ta' riżorsi, flessibbiltà, reviżjoni postelettorali, riżorsi proprji u unità tal-baġit. Fl-istess ħin, għadd ta' kwistjonijiet importanti oħra kienu jagħmlu parti mill-pożizzjoni tal-PE.

I. Fil-kuntest tal-kunsiderazzjoni fiskali ġenerali fl-Istati Membri, il-PE eventwalment iddeċieda li ma jikkontestax iċ-ċifri globali (il-livelli massimi ta' impenji u pagamenti globali għall-perjodu kollu) maqbula unanimament mill-Kaprijiet ta' Stat u l-Gvernijiet. Barra minn hekk, huwa ma kkontestax iċ-ċifri skont l-intestaturi, li pprovdew għal orjentazzjoni minima lejn it-tkabbir, l-impjiegi u l-investimenti orjentati lejn il-futur (intestatura 1). Però, din l-aċċettazzjoni kienet suġġetta għall-kundizzjoni, fost oħrajn, li l-limiti massimi tal-QFP miftiehma għall-impenji u l-appropriazzjonijiet ta' pagamenti jistgħu jintużaw sal-limitu possibbli meta qed jiġu stabbiliti l-baġits annwali. Għaldaqstant, il-Parlament ippropona **approċċ ġdid favur il-flessibbiltà**. Huwa kkunsidra li l-QFP propost sempliċiment ma jkunx ġestibbli mingħajr “flessibbiltà massima possibbli”, kunċett li kien imsemmi iżda mhux żviluppat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew.

Il-ħtieġa identifikata biex jiġi trasferit kwalunkwe marġini mhux użat bejn l-Intestaturi u bejn is-snin ġiet konkretizzata bil-proposti innovattivi tal-Parlament għall-istabbiliment **ta' marġini globali fil-pagamenti u l-impenji**. Mekkaniżmi ta' flessibbiltà oħra rrakkomandati mill-Parlament kienu jinkludu l-kamp ta' applikazzjoni u l-istabbiliment preċiż ta' strumenti speċjali, il-marġini ta' kontinġenza, l-aġġustamenti relatati mal-implimentazzjoni, eċċ. Dawn huma elenkati u deskritti fil-qosor fit-tabella hawn taħt.

Peress li l-limiti massimi stabbiliti mill-QFP 2014-2020 għadhom 'il fuq miċ-ċifri ta' implimentazzjoni tal-2007-2013 fir-rigward tal-appropriazzjonijiet ta' pagamenti (biss), huwa xorta possibbli, bl-implimentazzjoni adegwata tal-mekkaniżmi ta' flessibbiltà eventwalment miftiehma, li l-baġits implimentati tal-2014-2020 ikunu oġhla minn dawk tal-perjodu 2007-2013.

II. L-aċċettazzjoni taċ-ċifri tal-KE għandhom jitqiegħdu wkoll f' relazzjoni mat-talba tal-PE għal **klawsola ta' reviżjoni postelettorali** reali, f' kuntrast mar-reviżjoni tal-perjodu attwali, peress li l-PE ma setax jaċċetta mingħajr ebda ġustifikazzjoni baġit ta' awsterità għal perjodu ta' seba' snin, li jikkommetti l-Parlament u l-Kummissjoni li jmiss, kif ukoll is-suċċessuri tagħhom. Għaldaqstant, sabiex ikun hemm allinjament aħjar tal-kalendarji elettorali u baġitarji u biex ikun kapaċi jirreaġixxi għall-iżviluppi ekonomiċi ġodda, il-Parlament ippropona modalitajiet speċifiċi biex tibda titħaddem il-klawsola ta' reviżjoni (il-kamp ta' applikazzjoni, il-ħin, l-użu tal-klawsola passerelle għall-QMV, eċċ.).

III. Dwar ir-**riżorsi proprji**, il-Parlament appoġġa l-proposti leġiżlattivi ambizzjużi tal-Kummissjoni u saħaq favur pjan direzzjonali ċar li jwassal lura għal sistema ta' riżorsi proprji ġenwini, ċari, sempliċi u ġusti, u li joffri l-garanziji fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-kontroll demokratiku inerenti fil-baġits pubbliċi kollha. It-tragwardi proposti kienu jinkludu t-tnaqqis tal-livell tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING sa 40 % tal-baġit tal-UE, it-trasferiment tad-dħul mit-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji taħt il-kooperazzjoni msaħħa b' mod sħiħ jew parzjali għall-baġit tal-UE, ir-riforma tar-riżorsi proprji tal-VAT, it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji tradizzjonali sa 10 % tal-ammonti miġburin mill-Istati Membri, u t-tneħħija b' mod gradwali tat-tnaqqis eżistenti u ta' mekkaniżmi ta' korrezzjoni oħra.

IV. Dwar l-**unità tal-baġit** u t-trasparenza, il-Parlament insista fuq il-prinċipju li l-infiq u d-dħul kollu li jirriżultaw minn deċiżjonijiet meħuda minn, jew f' isem, istituzzjonijiet tal-UE għandhom jiġu inklużi fil-Baġit tal-UE, flimkien ma' ħarsa ġenerali komprensiva tal-implikazzjonijiet finanzjarji tal-azzjonijiet u l-istrumenti kollha tal-UE, inklużi l-azzjonijiet tal-UE mwettqa mill-Istati Membri fil-qafas ta' kooperazzjoni msaħħa jew ta' Trattat speċifiku.

Barra minn hekk, iċ-ċifri tal-Kunsill Ewropew wasslu wkoll biex il-Parlament jistabbilixxi bħala **prekundizzjoni** biex jidhöl f' negozjati mal-Kummissjoni biex tippromponi abbozz ta' baġit emendatorju, bil-limitu massimu ta' pagamenti tal-2013, bl-għan li jiġu koperti ħafna mit-talbiet ta' pagamenti tal-2013 daqs kemm huwa possibbli qabel il-bidu tal-perjodu l-ġdid, u jiġi evitat li l-livell tal-pagamenti stabbilit għall-perjodu 2014-2020 ikollu wkoll ikopri parti sproporzjonata mit-talbiet ta' pagamenti mill-perjodu preċedenti. Barra minn hekk, bħala riżultat dirett tal-kriżi riċenti fir-rigward tal-pagamenti tal-baġit tal-UE, il-Parlament ippropona għadd ta' dispożizzjonijiet bil-għan li jindirizzaw il-**kwistjoni tal-pagamenti**, bħall-possibbiltà għall-użu mill-ġdid tal-bilanċ favorevoli, li huma ppreżentati fit-tabella hawn taħt.

Kwistjoni oħra importanti kienet li tiġi evitata prelazzjoni tas-setgħat ta' kodeċiżjoni tal-PE peress li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Frar 2013 marru ferm lil hinn mill-linja ta' demarkazzjoni bejn il-kwistjonijiet ewlenin tal-QFP u l-elementi li jappartjenu għall-programmi kodeċiżi. Din kienet l-ewwel esperjenza bl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tal-QFP.

Finalment, għadd ta' punti oħra fir-rigward tal-QFP jew il-proċedura baġitarja annwali, jew xi wħud aktar speċifiċi, imqajma mill-kumitati speċjalizzati (PECH, CONT, AFET, FEMM, eċċ) kienu wkoll indirizzati matul in-negozjati fuq it-talba tal-PE. Dawn huma ppreżentati fit-tabella hawn taħt.

Il-pożizzjoni ddettaljata tal-Parlament dwar dawn l-elementi kienet ippreżentata fid-diversi

rapporti adottati mill-Parlament qabel l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Frar. Dawn ġew operattivi, fid-dawl tan-negozjati, permezz ta' dokument ta' ħidma mir-Rapporteurs¹, li ppreżenta bidliet testwali konkreti għall-proposti tal-Kummissjoni. Dawn huma deskritti hawn taħt.

¹ 'Dokument ta' ħidma QFP–FII ippreżentat mit-Tim tan-Negozjati tal-PE'
(http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2009_2014/documents/budg/dt/1017/1017432/1017432en.pdf)

Talba tal-PE	Deskrizzjoni / Għan
4 kwistjonijiet ewlenin	
Flessibbiltà:	Għan ġenerali: tingħata flessibbiltà lill-awtorità baġitarja matul il-proċedura annwali, il-QFP isir ġestibbli u jippermetti l-użu sħiħ possibbli tal-limiti massimi miftiehma
- marġini globali tal-AP	Trasferiment awtomatiku u mhux limitat bejn snin ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti mhux ibbaġitjati/li ma ntefqux taħt il-livell massimu. Tingħata l-possibbiltà li jintlaħqu l-AP f'każ ta' dewmien fl-implimentazzjoni.
- marġini globali AI	L-istess mekkaniżmu għall-impenji, bil-għan li jiġi ffaċilitat il-finanzjament tal-prijoritajiet u l-ħtiġijiet emerġenti, u l-użu ġenerali tal-limitu massimu tal-QFP għalkollox
- strumenti speċjali	Aktar flessibbiltà għall-użu u l-mobilizzazzjoni tagħhom (l-ammont annwali, il-pagamenti korrispondenti, it-trasferiment mhux limitat ta' ammonti mhux użati), bil-għan li jkun hemm biżżejjed riżorsi u flessibbiltà sabiex ikampaw mal-avvenimenti kollha mhux previsti sottostanti
- marġini ta' kontinġenza	Biex jiġu kkumplimentati strumenti ta' flessibbiltà oħra, fil-każ li dawn tal-aħħar ma jkunux biżżejjed biex ikampaw mal-ħtiġijiet emerġenti (l-ebda tpaċija).
- użu tal-bilanċ favorevoli	B'mod speċifiku fir-rigward tal-pagamenti, bil-għan li tiġi evitata s-sitwazzjoni fejn jinqalgħu ħtiġijiet ta' pagamenti addizzjonali waqt li fl-istess ħin, riżorsi tal-UE addizzjonali min-naħa tad-dħul jingħataw lura lill-Istati Membri permezz ta' tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-ING tagħhom
- aġġustament fil-pagamenti marbuta mal-implimentazzjoni	Biex ikampaw għal kwalunkwe bidla fix-xejriet tal-implimentazzjoni u l-profilu tal-ħlas attwali, fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali
- flessibbiltà leġiżlattiva	Tippermetti li jkun hemm ċaqliq ta' 10 % mill-pakketti finanzjarji miftiehma tal-programmi
- flessibbiltà / aġġornament / aġġustament / reviżjoni msaħħa b'tipoloġija ġdida	Jiġu ssimplifikati u ċċarati l-modi differenti ta' bidliet / ċaqliq mill-QFP, skont jekk il-limiti massimi globali humiex affettwati, b'arranġamenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet xierqa.
Reviżjoni postelettorali	Tiġi stabbilita "klawsola ta' rendez-vous" biex tagħti lill-PE elett ġdid u l-Kummissjoni l-ġdida l-possibbiltà li jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-limiti massimi tal-QFP applikabbli taħt it-termini tagħhom, waqt li jikkunsidraw ċ-ċirkostanzi ekonomiċi ġodda
Unità u trasparenza	Jiġi evitat kwalunkwe finanzjament barra mill-baġit, u tiġi żgurata ħarsa ġenerali ċara tal-mezzi kollha mmobilizzati mill-UE jew f'isimha
Riżorsi proprji	Tiġi definita t-triq lura lejn sistema ta' riżorsi proprji ġenwini
Punti "oħra"	
Proġetti fuq skala kbira: Galileo, ITER, Copernicus	Mhux inklużi fi ħdan il-limitu massimu globali tal-QFP iżda addizzjonali, l-allokazzjoni tagħhom tiġi delimitata f'każ ta' spejjeż żejda

Pagamenti u RAL:	L-għan ġenerali kien li l-awtorità baġitarja tingħata l-għodod biex toħroġ mill-kriżi riċenti tal-pagamenti baġitarji
- ġustifikazzjoni ta' diverġenzi mal-estimi tal-Kummissjoni	Biex jiġi evitat qtugħ bla eċċezzjoni / jew arbitrarju lil hinn mir-realtà tal-implimentazzjoni tal-baġit u t-tbassir tal-infiq ipprovdut mill-awtoritajiet tal-Istati Membri (taħt ġestjoni kondiviża)
- ċertifikazzjoni ta' tbassir tal-pagamenti	Biex tintemm id-diverġenza bejn l-estimi tat-talbiet ta' pagamenti tal-awtoritajiet nazzjonali taħt ġestjoni kondiviża u l-allokazzjonijiet tal-baġit tal-UE proposti mill-Kunsill biex jonorahom
- trattament tal-kontribuzzjonijiet ta' SM fil-baġits nazzjonali	Valutazzjoni aħjar tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali fil-baġits nazzjonali, f'konformità mal-istandards tal-kontabbiltà pubbliċi, sabiex jiġi evitat li l-livell tal-baġit tal-UE fil-pagamenti jkun aġġustament varjabbli għad-defiċit nazzjonali u l-miri tad-dejn
- laqgħat u informazzjoni regolari	Biex tqajjem id-diskussjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtiġijiet tal-pagamenti, u toħloq bażi komuni għall-PE u l-Kunsill biex jelaboraw il-pożizzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-baġit tal-UE
- pjan ta' azzjoni dwar ir-RAL	Biex tiġi kkontrollata ż-żieda li għada għaddejjja ta' impenji pendenti (mhux imħallsa)
PESK:	Aktar skrutinju (aktar rapportaġġ, mingħajr eċċezzjoni) u trasparenza (nomenklatura aktar dettaljata) għall-PE
Nefqa amministrattiva	Il-ħruġ tal-obbjettiv tal-mira ta' -5 %, b'rabta man-negozjati paralleli dwar ir-Regolamenti tal-Persunal
Ġestjoni finanzjarja soda:	Jiġu mtejbja l-kontroll baġitarju, ir-rappurtar u l-kontabbiltà fuq il-baġit tal-UE
- dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' ġestjoni	Tingħata spinta ġdida lill-ħruġ ta' dikjarazzjonijiet nazzjonali dwar il-ġestjoni tal-fondi tal-UE
- organizzazzjoni internazzjonali	Tiġi żgurata t-trażmissjoni tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha relatati mal-fondi tal-UE li ntefqu minn organizzazzjonijiet internazzjonali
- evalwazzjoni	Ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Artikolu 318 tat-TFUE biex jiffoka, għad-dimensjoni interna tiegħu, dwar l-istrateġija Ewropa 2020
Dikjarazzjoni dwar sinerġiji, infiq aħjar	Valutazzjoni indipendenti biex jiġu identifikati l-possibbiltà ta' sinerġiji, il-ġbir ta' riżorsi u l-iffrankar tal-ispejjeż fil-livell ta' kull gvern (UE, nazzjonali u reġjonali)
Perjodu ta' żmien	Il-QFP 2014-2020 jiġi kkunsidrat bħala soluzzjoni tranżitorja lejn perjodu ta' 5 jew 5+5 snin biex il-perjodu ta' żmien tal-QFP jiġi allinjat mal-mandati tal-istituzzjonijiet, b'hekk tissaħħaħ il-kontabbiltà demokratika
Aġenziji	Proċedura għall-allinjament aħjar tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi u baġitarji b'rabta mal-aġenziji (ħolqien, estensjoni tal-kompitu), anke waqt in-negozjati leġiżlattivi
FEŻ	Integrazzjoni fil-baġit tal-UE
Ugwaljanza bejn is-sessi	Jiġu integrati, kif xieraq, elementi reattivi għall-ġeneru, billi jiġu kkunsidrati l-modi kif il-qafas finanzjarju globali tal-Unjoni jikkontribwixxi għal aktar ugwaljanza bejn is-sessi (u jiżgura l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi).

Ftehimiet dwar is-sajd	Parteċipazzjoni msaħħa tar-rappreżentanti tal-PE fin-negozjati tal-ftehimiet dwar is-sajd internazzjonali, b'kunsiderazzjoni għas-setgħat tal-Parlament fil-qasam tal-ftehimiet dwar is-sajd
Kwistjonijiet oħra fl-Anness għall-FII	Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-proċedura baġitarja annwali (inkluż kalendarju pragmatiku flessibbli għall-funzjonament bla xkiel tal-proċedura annwali)

In-negozjati u l-metodu ta' ħidma

Bil-għan li jiġu żgurati l-żvilupp konġunt, is-sjieda u l-komunikazzjoni tal-pożizzjonijiet u l-istrateġija tal-PE, miżuri li ttieħdu **fi ħdan il-PE** kienu jinkludu:

- L-istabbiliment bikri tal-kumitat SURE temporanju magħmul minn Membri tal-BUDG u ta' kumitati speċjalizzati. Biex jiżgura l-influenza massima, il-PE adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-QFP qabel il-pubblikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-QFP, minflok bħala reazzjoni għaliha.
- Laqgħat regolari tal-grupp ta' kuntatt dwar il-QFP, ipreseduti mill-President tal-PE, li fihom kienu rrappreżentati, kif meħtieġ, it-tim tan-negozjati tal-BUDG, gruppi politiċi u l-presidenti ta' kumitati oħra, sabiex ikun hemm skambji produttivi ta' informazzjoni u l-elaborazzjoni konġunta tal-pożizzjonijiet tal-PE.
- Korapporteurs għan-negozjati tal-QFP u tal-OR, li jinvolvu għadd ta' gruppi politiċi, b'hekk għal darb'oħra jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' approċċ li għandu appoġġ wiesa' fi ħdan il-PE.
- It-tim tan-negozjati tal-QFP, li jinvolvi l-president tal-BUDG u r-rapporteurs tal-QFP u tal-OR, iltaqgħu b'mod regolari u regolarment stiednu rappreżentanti ta' gruppi politiċi oħra.
- Ir-rapporteurs tal-QFP żaru kumitati speċjalizzati u stiednu rapporteurs tal-QFP tal-kumitati speċjalizzati għal laqgħat ta' kull xahar biex jagħtu informazzjoni u jagħmlu skambju ta' opinjonijiet, fejn ikkunsidraw bl-aktar mod wiesa' possibbli l-kumitati differenti tal-PE.

Dawn il-laqgħat kienu akkumpanjati minn laqgħat f'kull livell amministrattiv rilevanti biex jappoġġjaw il-proċess tat-teħid ta' deċizzjonijiet politiċi.

Qabel il-konklużjonijiet tal-KE tat-8 ta' Frar 2013 u l-bidu ta' laqgħat formali u informali waqt in-negozjati (trilogi, laqgħat ta' djalogu politiku, eċċ.), miżuri fir-rigward tal-**interazzjoni bejn il-PE u istituzzjonijiet oħra** kienu jinkludu:

- Laqgħat bejn ir-rappreżentanti tat-Triju ta' Presidenzi tal-Kunsill (il-Polonja, id-Danimarka u Ċipru) u l-PE eżattament qabel kull GAC tal-QFP u l-provvista ta' dokumenti rilevanti u stħarriġ informattiv mill-Prezidenza tal-Kunsill wara l-GAC, f'konformità mal-ittra tas-6 ta' Ġunju 2011 mill-Prim Ministru Orban, f'isem il-Prezidenzi tal-Ungerija, il-Polonja, id-Danimarka u Ċipru, indirizzata lill-President Buzek;
- Il-Prezidenza Daniża u Ċiprijotta stiednu lit-tim tan-negozjati tal-PE biex jipparteċipa f'laqgħat informali tal-GAC;
- Il-President tal-PE ressaq il-pożizzjoni tal-PE waqt id-diskorsi lill-Kunsill Ewropew u waqt il-laqgħat tal-Artikolu 324 tat-TFUE bejn il-presidenti tal-PE, il-Kunsill u l-Kummissjoni, li għalihom kien spiss mistieden il-President tal-Kunsill Ewropew;

- Bosta kuntatti bilaterali bejn il-president tal-PE u l-membri tat-tim tan-negozjati tal-QFP u l-kontropartijiet fil-parlamenti nazzjonali.

Barra dan imsemmi hawn fuq, il-Parlament iċċara l-pożizzjoni tiegħu permezz ta' diversi passi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi (ara hawn fuq). Abbażi tal-mandat mogħti fir-rapport SURE u fir-rapport interim tiegħu ta' Ottubru 2012, il-Parlament kellu għadd ta' kuntatti waqt in-negozjati bil-għan li jkun hemm ftehim mal-Kunsill Ewropew.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2013, il-Parlament irrifjuta l-ftehim dwar il-QFP mill-Kunsill Ewropew fit-8 ta' Frar 2013 fil-forma attwali tiegħu, minħabba li kkunsidra li dan il-ftehim ma jirriflettix il-prijoritajiet u t-tħassib espressi mill-Parlament u m'għandu l-ebda kunsiderazzjoni għar-rwol u l-kompetenzi tal-Parlament. Huwa saħaq li dan il-ftehim ma setax jiġi aċċettat mingħajr it-twettiq ta' ċerti kundizzjonijiet essenzjali, u stabbilixxa l-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu għan-negozjati sħaħ bejn il-Kunsill u l-Parlament fuq kull Artikolu tar-Regolament QFP u l-FII korrispondenti.

Wara negozjati intensivi bejn Marzu u Ġunju tal-2013, b'ħames trilogi fil-livell ministerjali, sitt laqgħat trilaterali fil-livell tal-Ambaxxaturi, u diversi laqgħat tal-Presidenti tat-tliet istituzzjonijiet, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim politiku fl-aħħar ta' Ġunju 2013. Dan il-ftehim ġie approvat mill-PE fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013, fejn il-PE stabbilixxa għadd ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti qabel il-Parlament jagħti l-kunsens uffiċjali għar-Regolament QFP: l-adozzjoni ta' baġits emendatorji meħtieġa biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali għas-sena finanzjarja 2013 għall-ammont globali ta' EUR 11,2 biljun, il-ftehim politiku dwar il-bażi legali rilevanti tal-programmi pluriennali tal-UE, b'mod speċjali dwar punti riflessi wkoll fir-Regolament QFP, u l-istabbiliment ta' grupp ta' livell għoli dwar ir-riżorsi proprji.

Dawn it-tliet kundizzjonijiet ġew sodisfatti fil-ħin biex il-Parlament jagħti l-kunsens tiegħu għall-abbozz tar-Regolament QFP matul is-seduta Plenarja ta' Novembru, u li warajha l-Kunsill adotta r-Regolament QFP 2014-2020 fit-2 ta' Diċembru 2013.

Riżultati

Il-**limiti massimi globali** għall-appropriazzjonijiet ta' impenji skont il-QFP 2014-2020 huma stabbiliti għal EUR 960 biljun u għall-appropriazzjonijiet ta' pagamenti għal EUR 908 biljun. Barra minn hekk, hemm previst strumenti speċjali (l-Istrument ta' flessibilità, Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza, Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni), li, meta jiġu mobilizzati, jiġu miżjudati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.

Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw rispettivament 1.00 % tal-ING tal-UE u 0.95 % tal-ING tal-UE, abbażi tat-tbassir tal-ING tal-UE tar-rebbiegħa 2012. Madankollu, skont l-estimi l-aktar riċenti tal-Kummissjoni dwar l-evoluzzjoni tal-ING tal-UE (it-tbassir tal-ħarifa 2013), dawn iċ-ċifri se jogħlew rispettivament għal 1.04 % u 0.99 % tal-ING tal-UE, kif ippreżentati fl-aġġustament tekniku bikri tal-2014 tal-Kummissjoni għall-QFP (COM(2013)928).

Il-ftehim dwar il-pakkett tal-QFP 2014-2020 jinkludi **aktar flessibilità għal pagamenti u impenji** fl-intestaturi u tul is-snin sabiex jiġi tħalli jsir użu sħiħ mil-limiti massimi tal-impenji u tal-pagamenti globali previsti għall-perjodu 2014-2020. F'dan ir-rigward ġew stabbiliti

strumenti ġodda, bħal ma huma l-marġini globali għall-pagamenti, madankollu b'xi limitazzjonijiet imposti mill-Kunsill f'termini ta' ammonti, il-marġini globali għall-impjenji għat-tkabbir u l-impjenji, b'mod partikolari l-impjenji taż-żgħażaġh u r-riċerka. Aktar flessibbiltà hija pprovduta wkoll b'rabta mal-mobilizzazzjoni u l-finanzjament ta' strumenti speċjali.

Barra minn hekk, fl-aħħar sensiela ta' negozjati kienet introdotta flessibbiltà speċifika biex tindirizza l-impjenji taż-żgħażaġh u ssaħħaħ ir-riċerka, li tipprovdni għall-possibbiltà ta' forniment minn qabel ta' flus (frontloading) fis-snin 2014/2015 f'oqsma bħall-impjenji taż-żgħażaġh, ir-riċerka, l-Erasmus u l-SMEs. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma timplikax żieda ta' riżorsi maħsuba għal dawn il-politiki għall-perjodu 2014-2020 iżda bidla fil-programmazzjoni finanzjarja proposta fil-bidu mill-Kummissjoni Ewropea.

Jipprevedi wkoll:

- **rieżami / revizzjoni tal-QFP** li trid tinbeda mill-Kummissjoni sal-aħħar tal-2016, sabiex il-Kummissjoni u l-Parlament li jmiss ikunu jistgħu jivvalutaw mill-ġdid il-prijoritajiet politiċi tal-UE, jadattaw il-QFP għal sfidi u ħtiġijiet ġodda u jikkunsidraw bis-sħiħ l-aħħar projezzjonijiet makroekonomiċi,
- komprensjoni ċara (Dikjarazzjoni Konġunta tat-tliet istituzzjonijiet) dwar mod u skeda vijabbli għall-istabbiliment ta' **sistema ta' riżorsi proprji vera** għall-Unjoni Ewropea,
- u xi dispożizzjonijiet dwar l-**unità baġitarja** u t-trasparenza, li jiżguraw informazzjoni sħiħa għaċ-ċittadini dwar l-infiq u d-dħul. Kien hemm ukoll qbil dwar titjib tad-dispożizzjonijiet relatati mal-kollaborazzjoni interistituzzjonali fi kwistjonijiet baġitarji, b'mod partikolari waqt il-proċedura baġitarja (pagamenti, aġenziji, PESK, ftehim dwar is-sajd, eċċ.).

Finalment, fl-aħħar serje ta' negozjati, il-Parlament kiseb ukoll biljun addizzjonali biex jiġi allokati, fuq bażi volontarja, għall-programm "Għajnuna għall-Persuni l-aktar fil-bżonn" 2014-2020.

Fit-tabella hawn taħt hemm indikati r-referenzi prinċipali għall-paragrafi tar-Regolament QFP u l-FII adottati, li jikkorrispondu mat-talbiet u l-kisbiet tal-Parlament.

Talba tal-PE	Referenza għall-QFP-FII
4 kwistjonijiet ewlenin	
Flessibbiltà:	
- marġini globali tal-AP	Art 5 tal-QFP
- marġini globali AI	Art 14 tal-QFP
- flessibbiltà speċifika	Art 15 tal-QFP + Dikjarazzjoni Konġunta
- strumenti speċjali	Art 3.2, 4.1, 9 sa 12 tal-QFP, par 10 sa 13 tal-FII
- marġini ta' kontinġenza	Art 13 tal-QFP, par 14 tal-FII
- użu tal-bilanċ favorevoli	Mhux inkluża fil-ftehim finali

- aġġustament fil-pagamenti marbuta mal-implimentazzjoni	Art 18 tal-QFP
- flessibilità leġiżlattiva	Par 17 tal-FII
- flessibilità / aġġornament / aġġustament / reviżjoni msaħħa b'tipoloġija ġdida	Mhux inkluża fil-ftehim finali
Reviżjoni postelettorali	Art 2 tal-QFP, Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-evalwazzjoni/reviżjoni
Unità u trasparenza	Art 24 tal-QFP, par 7 u 16 tal-FII
Riżorsi proprji	Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Riżorsi Proprji
Punti "oħra"	
Proġetti fuq skala kbira: Galileo, ITER, Copernicus	Premessa 13, Art 16 tal-QFP
Pagamenti u RAL:	
- ġustifikazzjoni ta' diverġenzi mal-estimi tal-Kummissjoni	Art 36 tal-Anness għall-FII
- ċertifikazzjoni ta' tbassir tal-pagamenti	Mhux inkluża fil-ftehim finali
- trattament tal-kontribuzzjonijiet ta' SM fil-baġits nazzjonali	Mhux inkluża fil-ftehim finali
- laqgħat u informazzjoni regolari	Art 36 tal-Anness għall-FII
- bilanċ favorevoli	Mhux inkluża fil-ftehim finali
- pjan ta' azzjoni dwar ir-RAL	Mhux inkluża fil-ftehim finali
PESK:	Par 23 sa 25 tal-FII
Nefqa amministrattiva	Par 27 tal-FII
Ġestjoni finanzjarja tajba:	
- dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' ġestjoni (NMD)	Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-NMD
- organizzazzjoni internazzjonali	Par 28 tal-FII
- evalwazzjoni	Par 29 tal-FII
Dikjarazzjoni dwar sinerġiji, infiq aħjar	Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-titjib tal-effikaċja tal-infiq pubbliku fi kwistjonijiet suġġetti għall-azzjoni tal-UE
Perjodu ta' żmien	Premessa 3 - QFP
Aġenzji	Par 31 u 32 tal-FII
FEŻ	Par 26 tal-FII
Kalendarju pragmatiku:	Anness għall-FII
Ugwaljanza bejn is-sessi	Dikjarazzjoni kongunta
Ftehimiet dwar is-sajd	Par 19 sa 21 tal-FII
Kwistjonijiet oħra fl-Anness għall-FII	Par 8, 15 tal-Anness għall-FII, fost oħrajn

12.3.2014

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar in-negozjati dwar il-QFP 2014-2020: it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu u t-triq 'il quddiem
(2014/2005(INI))

Rapporteur għal opinjoni(*): Andrew Duff

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. billi, wara l-ftehim dwar il-QFP 2014-2020, il-QFP għadu ma jaqbilx mal-mandat tal-Parlament u tal-Kummissjoni li l-mandati tagħhom jibdew fl-2014 (Premessa Fa);
2. billi ma ġewx sfruttati l-possibiltajiet li saru disponibbli fit-Trattat ta' Lisbona biex jiġu modifikati l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-QFP u d-deċiżjonijiet dwar ir-riżorsi proprji (Premessa Fb);

Kunsiderazzjonijiet politiċi

3. Jinnota li l-Kunsill Ewropew ħa approċċ 'minn fuq għal isfel' biex jiddeċiedi d-daqs globali tal-QFP 2014-2020, li jindika diskrepanza inkwetanti bejn l-impenji politiċi tal-UE li l-Kunsill Ewropew qed jieħu u r-riluttanza tiegħu li jiffinanzjahom b'mod adegwat; jemmen, għall-kuntrarju, li din id-deċiżjoni kellha tkun ibbażata fuq proċess minn isfel għal fuq, wara valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-UE u l-għanijiet politiċi kif stabbiliti fil-programmi u politiki pluriennali tal-UE definiti mil-leġiżlatur; ifaħħar, f'dan ir-rigward ix-xogħol tal-Kumitat SURE, li stabbilixxa kunsens dwar prijoritajiet politiċi għall-Parlament, iżda jiddispjaċih li kien impossibbli li jsiru negozjati komparabbli konkreti mal-Kunsill (Paragrafu 6);

Kunsiderazzjonijiet istituzzjonali

4. Ifakkar li, skont it-Trattat, il-Kunsill Ewropew ma għandux funzjonijiet leġiżlattivi; jinsisti, għalhekk, li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew għandhom jiġu meqjusa bħala struzzjonijiet ta' negozjar għall-Kunsill u li fl-ebda każ ma jikkostitwixxu linji ħomor li ma jistgħux jiġu nneozjati mal-Parlament; jitlob għal formula standard li tfakkar fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(1) tat-TFUE li għandhom jiġu inklużi fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (Paragrafu 14);
5. Huwa konvint li r-regola tal-unanimità fil-Kunsill tfisser li l-ftehim jirrappreżenta l-iżgħar denominatur komuni, abbażi tal-ħtieġa li jiġi evitat il-veto ta' Stat Membru wieħed; jenfasizza li bidla lejn votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għar-Regolament QFP tkun konformi mhux biss mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, użata għall-adozzjoni ta' kważi l-programmi pluriennali kollha tal-UE, iżda wkoll mal-proċedura annwali ta' adozzjoni tal-baġit tal-UE (Paragrafu 18);
6. Jinnota li l-kawsola passerelle ġenerali (Artikolu 48(7) TUE) tista' tintuża mill-Kunsill Ewropew biex tagħmel bidla lejn votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u l-proċedura leġiżlattiva ordinarja għar-riżorsi proprji u d-deċiżjonijiet tal-QFP; ifakkar, barra minn hekk, li l-Artikolu 312(2) TFUE xorta jippermetti l-adozzjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għall-QFP; iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew juża dawn iż-żewġ passerelles għall-finijiet intiżi sabiex it-teħid tad-deċiżjonijiet fil-Kunsill jiġu simplifikati u jiġi limitat sa fejn il-politika ta' 'juste retour' nazzjonali tirbaħ fuq l-artikolazzjoni tal-interess komuni tal-Unjoni bħala ħaġa waħda (Paragrafu 18a);

QFP 2014-2020: it-triq 'il quddiem

7. Jitlob li r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP jiġi ppreparat għal tnaqqis eventwali fil-perjodu għal liema jiġi miftiehem il-QFP li jmiss, sabiex ikun żgurat in-negozjar mill-ġdid waqt il-mandat ta' kull Parlament u Kummissjoni, biex b'hekk tiġi żgurata l-leġittimità demokratika sħiħa għal deċiżjonijiet regolari dwar il-perspettivi finanzjarji tal-Unjoni, filwaqt li jittieħdu passi biex tiġi sodisfatta l-ħtieġa għal stabbiltà ta' ċikli ta' programmazzjoni u għall-prevedibbiltà tal-investment (Paragrafu 25a);
8. Jinnota li għaċ-ċiklu ta' negozjati li jmiss se japplikaw l-Artikolu 70 u 70a l-ġodda (negozjati interistituzzjonali fi proċeduri leġiżlattivi) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament; jirrakkomanda li, fil-bidu tal-mandat li jmiss tal-Parlament, il-kumitat responsabbli mir-Regoli ta' Proċedura jintalab jipprova jirrazzjonalizza dawk ir-regoli mal-Artikolu 75 (QFP), l-Artikolu 75c (trilogu finanzjarju) u l-Artikolu 81(3) (proċedura ta' approvazzjoni) bil-ħsieb li jitfassal Artikolu koerenti uniku speċifiku għall-proċeduri leġiżlattivi speċjali stabbiliti fl-Artikoli 311 u 312 TFUE rigward id-determinazzjoni tal-mandat, it-twettiq tat-trilogi (inkluż ir-rwol tal-President), u l-iskrutinju mill-plenarja (Paragrafu 25b);
9. Jikkunsidra li, meta ssir ir-reviżjoni li jmiss tat-Trattati, il-Konvenzjoni għandha tagħmel proposti għal sistema ta' kodeċiżjoni ġenwina bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar l-adozzjoni tal-QFP u d-deċiżjonijiet tar-riżorsi proprji (Paragrafu 25c);
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali (Paragrafu 26).

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	10.3.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 3 0: 1
Members in favour	Carlo Casini, Andrew Duff, Marietta Giannakou, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Zita Gurmai, Gerald Häfner, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, David Martin, Sandra Petrović Jakovina, Tadeusz Ross, Algirdas Saudargas, György Schöpflin, József Szájer, Luis Yáñez-Barnuevo García
Members against	Andrew Henry William Brons, Ashley Fox, Daniel Hannan
Members abstained	Rina Ronja Kari
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Andrew Henry William Brons, Carlo Casini, Andrew Duff, Ashley Fox, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Zita Gurmai, Gerald Häfner, Daniel Hannan, Stanimir Ilchev, Rina Ronja Kari, Constance Le Grip, David Martin, Sandra Petrović Jakovina, Tadeusz Ross, Algirdas Saudargas, József Szájer, Luis Yáñez-Barnuevo García
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Zuzana Brzobohatá, Marietta Giannakou, Vital Moreira, György Schöpflin

13.2.2014

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar in-negozjati dwar il-QFP 2014-2020: it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu u t-triq 'il quddiem
(2014/2005(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Pervenche Berès

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispijaċih dwar l-istrateġija definita mill-Parlament, speċifikament li jinneozja proposti leġiżlattivi mingħajr ma jmiss iċ-ċifri tal-QFP; jemmen li l-Parlament jeħtieġ jivvaluta l-eżitu tal-istrateġija;
2. Jiddispijaċih li iċ-ċifri tal-2011 fi prezzijiet kostanti proposti mill-Kummissjoni bħala l-bażi għan-negozjati ma ppermettewx li titqies kompletament ir-realtà tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri, b'mod speċjali f'termini ta' impjiegi u rigressjoni soċjali; jišhaq fuq il-fatt li jekk ma jkunx hemm biżżejjed data, speċjalment jekk ma jkunx hemm biżżejjed data statistika, dan se jkollu impatt negattiv fuq il-politiki, kif ukoll iżid mal-perċezzjonijiet negattivi possibbli fir-rigward tal-baġit tal-UE;
3. Jiddispijaċih li elementi li għandhom x'jaqsmu ma' proposti leġiżlattivi ġew diskussi u deċiżi mill-Kunsill Ewropew flok ma ġew innegozjati u ntlaħaq qbil dwarhom fil-livell tal-konfigurazzjoni tal-Kunsill adegwata u l-kumitat responsabbli; jišhaq fuq il-fatt li l-Kunsill injora lill-Parlament Ewropew fir-rwol tiegħu bħala koleġiżlatur, b'mod partikolari fir-rigward tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ; ifakkar lill-Kunsill Ewropew li, skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, hu m'għandu l-ebda setgħa leġiżlattiva; iwissi, għaldaqstant, liż-żewġ koleġiżlaturi sabiex fil-futur jevitaw kwalunkwe ċaqliq ta' setgħa leġiżlattiva lejn il-Kunsill Ewropew;
4. Jindika l-fatt li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew għandhom jitqiesu bħala istruzzjonijiet negozjattivi għall-Kunsill; jiddispijaċih profondament dwar il-fatt li din il-problema laqtet in-negozjati dwar il-programmi pluriennali tal-UE, b'mod partikolari fir-

rigward tal-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;

5. Jiddispjaċih li, fejn il-koleġiżlaturi qablu li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-programmi finanzjarji proposti, din ma setgħetx tkun korrisposta b'żidiet pariġġ fl-allokkazzjonijiet finanzjarji u li t-tnaqqis ma setax jiġi evitat; jiddispjaċih b'mod partikolari li l-allokkazzjoni lill-FSE tnaqqset b'mod kostanti minn mindu twaqqaf il-Fond, minkejja l-fatt li l-ambitu tal-Fond ġie estiż matul iż-żmien; jiddeplora l-fatt li l-pakkett propost għall-FSE ta' 25 % tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni ma setgħax jinżamm fin-negozjati għall-2014-2020; jiddeplora wkoll il-fatt li l-limitu massimu annwali għall-FEG tnaqqas b'mod sproporzjonat meta mqabbel ma' strumenti finanzjarji oħra; jiddispjaċih dwar il-fatt li ġie invokat l-Artikolu 20 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament għall-fajls kollha relatati mal-QFP, peress li dan illimita d-dritt demokratiku tal-Membri li jesprimu lilhom infushom, pereżempju, fir-rigward tas-sehem minimu għall-pakkett għall-FSE;
6. Jenfasizza l-fatt li wieħed mill-għanijiet tar-riforma inkorporata fit-Trattat ta' Lisbona kien id-demokratizzazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jiġi stabbilit il-qafas finanzjarju tal-Unjoni u jiddispjaċih li, f'dan il-kuntest u b'rabta mal-proposti leġiżlattivi għall-perjodu 2014-2020, l-opportunità li tittieħed azzjoni kompletament konformi mal-ispirtu tat-Trattat ma ntużatx kif suppost;
7. Jiddispjaċih li, minkejja pressjoni ovvja ta' ħin li rriżultat mill-fatt li l-iskadenza tal-QFP u l-elezzjonijiet Ewropej kienu imminenti, in-negozjati dwar il-FEG u l-FEAD iddewmu b'mod sustanzjali għal raġunijiet li ma kellhomx x'jaqsmu mal-kontenut, u rriżultaw f'kalendarji inaċċettabilment stretti biex jintlaħqu ftehimiet puntwali; jiddispjaċih dwar il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni għall-FEAD tressqet ferm aktar tard milli kien ipprogrammat;
8. Jinnota li l-bidliet fil-pożizzjonijiet negozjattivi mhux dejjem ġew ikkomunikati fi żmien utli bejn l-atturi rilevanti fil-Parlament, u dan, xi kultant, affettwa l-konsistenza tal-approċċ tal-Parlament;
9. Jindika, abbażi tal-esperjenza tal-programm EaSI, id-diffikultà biex jiġu nnegozjati elementi orizzontali li huma simili għal bosta programmi pluriennali f'oqsma ta' politika differenti, li wasslet għal eżiti diversi u ppreveniet approċċ uniformi, biex b'hekk kompliet tiddgħajjef is-setgħa negozjattiva tal-Parlament; jemmen li approċċ aktar sistemiku kieku jforni riżultati aħjar;
10. Jišhaq fuq id-dipendenza problematika tan-negozjati li jikkonċernaw il-proposti leġiżlattivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-FSE, fuq il-progress li jkun sar fin-negozjati dwar il-qafas globali tal-QFP;
11. Jiddispjaċih li, minkejja d-dispożizzjonijiet tat-Trattat, il-Kunsill iddeċieda li jinnegozja proposti leġiżlattivi biss abbażi ta' approċċi ġenerali parzjali jew approċċi ġenerali mingħajr mandat ibbażati fuq l-emendi proposti mill-Parlament, u dan wassal għal dewmien u intoppi fin-negozjati, b'mod partikolari fir-rigward tal-FSE, il-FEG u l-FEAD;
12. Jiddispjaċih li l-Parlament iddeċieda li ma jisfruttax kompletament il-possibilitajiet provduti mill-proċedura leġiżlattiva ordinarja fin-negozjati mal-Kunsill dwar il-bażi

leġislattiva; jikkunsidra, f'dan il-kuntest, li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-każijiet fejn proposta leġislattiva tkun ġiet rikonoxxuta bħala waħda li taqa' taħt il-kompetenzi ta' aktar minn kumitat wieħed; hu tal-fehma li, f'dawn il-każijiet speċjali, il-mandat għal negozjati mal-Kunsill għandu jinkiseb mill-plenarja b'mod li jiġi assigurat appoġġ wiesa', tisaħħaħ il-pożizzjoni negozjattiva tal-PE u tiġi ggarantita t-trasparenza;

13. Jikkunsidra li, filwaqt li l-ftehimiet negozjati mal-Kunsill għandhom jingħataw il-possibbiltà ta' adozzjoni mingħajr xkiel fil-plenarja, dan ma jistax isir bil-prezz li l-plenarja tiċċaħħad minn kwalunkwe possibbiltà li temenda t-testi miftehma; hu tal-fehma li proċeduri ta' dan it-tip jistgħu jiġu applikati biss meta jinstab kunsens politiku wiesa' ħafna fir-rigward tat-test miftiehem; jappella, għalhekk, lill-kumitat kompetenti tiegħu sabiex jeżamina l-possibbiltà li japplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura tal-PE għal ftehimiet fil-fażijiet tal-ewwel u t-tieni qari;
14. Ifakkar li l-marġnijiet li tħallew disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-appropriazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2014-2017 għandhom jikkostitwixxu Marġini Globali tal-QFP għall-impenji li għandhom jiġu kkalkolati mill-Kummissjoni u li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni oltre l-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016-2020 għall-oġettivi ta' politika relatati mat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari għall-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Parlament li jmiss iqisu b'attenzjoni l-kisbiet tal-istrateġija Ewropa 2020, b'mod speċjali l-miri marbuta mal-impjiegi, u sabiex jużaw il-klawżola ta' rieżami sabiex iżidu r-riżorsi finanzjarji biex jagħtu spinta lill-istrateġija, filwaqt li jqisu l-fatt li l-impatt negattiv tal-kriżi attwali kkompromettiha;
16. Ifakkar li r-reviżjoni imminenti tal-QFP ma għandhiex ikollha impatt ta' tnaqqis fuq l-ebda pakkett nazzjonali allokat minn qabel għall-politika ta' koeżjoni u, b'mod partikolari, fuq l-allokkazzjonijiet għall-FSE;
17. Jappella lill-Kummissjoni li jmiss sabiex taffronta l-kwistjoni tal-qgħad fost iż-żgħażaġh billi tipproponi żieda sostanzjali fil-baġit għall-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ fil-qafas tal-proċess ta' reviżjoni tal-QFP;
18. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni u l-Parlament li jmiss għall-fatt li r-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew jipprevedi, minbarra l-proċess ta' reviżjoni tal-QFP, li "ir-riżorsi għall-YEI jistgħu jiġu riveduti 'l fuq għas-snin 2016- 2020 fil-qafas tal-proċedura baġitarja f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1311/2013";
19. Jinsab profondament imħasseb dwar il-fatt li kwalunkwe dibattitu baġitarju fil-Kunsill, għal ħafna snin, ġie mniġġes mil-loġika ta' "redditu ġust" u jisħaq fuq il-fatt li din is-sitwazzjoni teżisti l-aktar minħabba s-sistema attwali ta' finanzjament tal-UE, li permezz tagħha madwar 85 % tad-dħul jiġi minn kontribuzzjonijiet nazzjonali minflok riżorsi proprji ġenwini, kif previst fit-Trattat ta' Ruma;
20. Jinnota li l-Kunsill Ewropew ħa approċċ 'minn fuq għal isfel' biex jiddeċiedi d-daqs kumplessiv tal-QFP 2014-2020, li, min-naħa tiegħu, jindika diskrepanza inkwetanti bejn l-impenji politiċi tal-UE li qed iwettaq il-Kunsill Ewropew u r-riluttanza tiegħu li jiffinanzjahom b'mod adegwat; jisħaq fuq il-fatt li l-Parlament issottovaluta l-kapaċità tal-

Kunsill Ewropew li jevalwa l-impatt tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tas-setgħat tal-Parlament dwar l-adozzjoni tal-QFP u li jżomm dan l-approċċ;

21. Jinsab konvint li kwalunkwe deċiżjoni dwar il-qafas finanzjarju għandha tkun ippreċeduta minn – u bbażata fuq – dibattitu politiku ġenwin dwar ir-rwol, il-funzjoni u l-valur miżjud tal-baġit tal-UE u dwar il-kompatibbiltà tiegħu mal-istrateġija politika adottata mill-Unjoni u l-oġettivi operattivi assenjati lill-Unjoni;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	13.2.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 -: 4 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Heinz K. Becker, Phil Bennion, Pervenche Berès, Philippe Boulland, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Minodora Cliveti, Karima Delli, Sari Essayah, Richard Falbr, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Jean Lambert, Patrick Le Hyaric, Verónica Lope Fontagné, Thomas Mann, Csaba Őry, Konstantinos Poupakis, Elisabeth Schroedter, Gabriele Stauner, Jutta Steinruck
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Philippe De Backer, Edite Estrela, Sergio Gutiérrez Prieto, Anthea McIntyre, Antigoni Papadopoulou, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Guerrero Salom, Timothy Kirkhope, Corien Wortmann-Kool

5.3.2014

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar in-negozjati dwar il-QFP 2014-2020: it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu u t-triq 'il quddiem
(2014/2005(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jan Olbrycht

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jikkunsidra bħala neċessarju li ssir distinzjoni bejn id-diskussjonijiet dwar il-QFP u dawk dwar il-bażi ġuridika unika tal-politika tal-UE, inklużi dawk għall-politika ta' koeżjoni, minħabba d-dispożizzjonijiet tat-Trattati u r-rwol tal-Parlament Ewropew fiż-żewġ proċessi;
2. Hu tal-fehma li l-ħidma fuq il-QFP m'għandha taħt l-ebda ċirkostanza tinterferixxi mal-ħidma fuq ir-regolamenti li jiddefinixxu l-ambitu tal-appoġġ u r-regoli ta' implimentazzjoni ta' kull fond, u għandu jirrispetta għalhekk ir-rwol tal-Parlament Ewropew fin-negozjati dwar il-bażi ġuridika għall-politika ta' koeżjoni; jiddispjaċih ħafna li n-negozjati dwar il-QFP 2014-2020 ma mxewx ma' dan il-prinċipju, u dan wassal biex il-ħidma fuq il-QFP jkollha influwenza sostanzjali fuq in-negozjati leġislattivi dwar ir-regolamenti għall-politika ta' koeżjoni kemm f'termini ta' kontenut kif ukoll f'termini ta' kalendarju;
3. Jisħaq li d-diskussjoni dwar ir-riżorsi għall-politika ta' koeżjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi dwar il-ħtiġijiet u tiegħu kont tal-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti; ifakkar li l-politika ta' koeżjoni hi politika ta' investiment favur it-tkabbir, li tiġġieled il-kriżi u għalhekk se takkwista importanza bħala strument tal-UE li jagħti spinta lit-tkabbir sostenibbli, joħloq l-impjiegi, jistimola l-investiment pubbliku, inaqqas id-disparitajiet soċjali u l-faqar; jistimola t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u jiġġieled it-tibdil fil-klima; bil-għan li jintlaħqu l-oġġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020;

4. Jirrimarka li t-tqassim tar-riżorsi bejn snin individwali tal-QFP (definizzjoni tal-limiti massimi) għandu jikkunsidra d-dinamika tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari l-proċessi ta' programmazzjoni u implimentazzjoni u l-mument għall-għeluq finali tal-programmi, sabiex ikun żgurat l-aktar livell preċiż ta' ħlas għal kull sena;
5. Hu mħasseb ħafna dwar il-fatt li n-numru ta' kontijiet mhux imħallsa sal-aħħar tas-sena qed jikber b'mod kostanti u jqis li l-politika ta' koeżjoni hi l-aktar waħda milquta mil-lakuna li hemm fil-baġit tal-UE; jikkonkludi li l-effetti residwi tal-perjodu 2007-2013 mhumiex solvuti fil-QFP 2014-2020; jitlob għalhekk li jkun hemm riforma ulterjuri tal-baġit tal-UE, inkluża r-riforma tar-riżorsi proprji.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.2.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Luís Paulo Alves, Francesca Barracciu, Catherine Bearder, Victor Boştinaru, Nikos Chrysogelos, Rosa Estaràs Ferragut, Brice Hortefeux, Danuta Maria Hübner, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Constanze Angela Krehl, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Markus Pieper, Ovidiu Ioan Silaghi, Nuno Teixeira, Kerstin Westphal, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Karima Delli, Ivars Godmanis, James Nicholson, Maurice Ponga, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Elisabeth Schroedter, Patrice Tirolien, Giommara Uggias

26.2.2014

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar in-negozjati dwar il-QFP 2014-2020: it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu u t-triq 'il quddiem (2014/2005(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Kinga Göncz

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-ftehimiet dwar il-fondi tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI); jirrikonoxxi li t-timijiet tan-negozjaturi tal-Parlament taw kontribuzzjonijiet sinifikanti għall-kontenut finali tal-fondi tal-ĠAI, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kontenut tal-oġettivi ġenerali u speċifiċi, il-perċentwali ta' nfiq minimi marbuta mal-oġettivi, l-indikaturi biex jitkejjel is-suċċess tal-fondi u l-konsistenza tal-azzjonijiet interni u esterni tal-UE;
2. Jiddispijaċih ħafna li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7/8 ta' Frar 2013 dwar il-QFP inkludew ċifra għall-Intestatura 3 li kienet 16.6 % inqas mill-proposta tal-Kummissjoni, u konsegwentement il-livell għoli ta' tnaqqis li jammonta għal 23 % għall-Fond għas-Sigurtà Interna u 20 % għall-Fond tal-Ażil, l-Integrazzjoni u l-Migrazzjoni; jinnota li l-komunikazzjoni tardiva ta' ċifri tal-QFP u tal-limiti massimi disponibbli għal kull qasam ta' politika ma għenux lir-rapporteurs individwali fl-iżvilupp ta' approċċ strateġiku fin-negozjati mal-Kunsill; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex fil-futur tipprovdi, simultanjament lill-Kunsill u lill-Parlament, iċ-ċifri aġġornati kollha tal-QFP;
3. Japprezza r-rwoli kostruttivi li jiżvolġu kemm il-presidenzi fuq bażi ta' rotazzjoni kif ukoll il-Kummissjoni waqt in-negozjati fil-qasam tal-ġustizzja; jinnota li dan wassal għal riżoluzzjoni bikrija u sodisfaċenti tal-kwistjonijiet sostanzjali;
4. Jiddispijaċih mill-fatt li, fil-qasam tal-affarijiet interni, il-Kunsill – appoġġat mill-Kummissjoni – deher iktar interessat li juża l-fondi biex jissupplementa l-baġits nazzjonali

tal-Istati Membri milli biex jippromwovi l-valur miżjud Ewropew u s-solidarjetà Ewropea; filwaqt li jirrikonoxxi l-kuntest ekonomiku u finanzjarju partikolarment diffiċli, xorta jisħaq li l-fondi tal-ĠAI għandhom qabelxejn jaqdu l-interessi Ewropej u jappoġġaw l-attivitajiet li għandhom valur miżjud Ewropew ċar, bħal pereżempju l-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u attivitajiet oħra orjentati lejn l-Unjoni; jiddispijaċih li ma nkisbux atti delegati għad-deċiżjonijiet ta' programmazzjoni skont l-Artikolu 290 tat-TFUE peress li dawn id-deċiżjonijiet jissodisfaw b'mod ċar il-kundizzjonijiet għall-atti delegati stabbiliti fit-Trattat; jiddispijaċih li l-Kummissjoni u l-Kunsill ipproponew l-użu tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u tal-Fond għas-Sigurtà Interna biex tiġi ffinanzjata l-azzjoni f'pajjiżi terzi mingħajr speċifikazzjoni tal-bażi ġuridika ta' azzjoni bħal din u li tħalli l-Parlament mingħajr ebda opportunità li jikkontestaha;

5. Jinnota wkoll, fir-rigward tal-fondi tal-affarijiet interni, li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja ma tippredix li l-Kummissjoni u l-Kunsill jinneozjaw pożizzjoni miftiehma bejniethom, mingħajr ma jinvolvu lill-Parlament, u li mbagħad jippreżentaw dik il-pożizzjoni lill-Parlament bħala fatt komplut; jirrimarka li jekk il-Kummissjoni mhijiex disposta tiddefendi l-proposta inizjali tagħha, għandha tippreżenta proposta emendata; jirrakkomanda t-tfassil ta' arranġamenti prattiċi ġodda għan-negozjati finanzjarji, inklużi, inter alia, l-organizzazzjoni ta' skambju bikri ta' fehmiel bejn it-tliet Istituzzjonijiet dwar ir-rwol, il-funzjoni u l-valur miżjud tal-baġit tal-UE; jinsisti li fin-negozjati interistituzzjonali futuri, il-Kummissjoni għandha tiegħu rwol ta' intermedjarju onest;
6. Jemmen li hu fundamentali li l-Parlament ikompli jinsisti fuq approċċ orjentat lejn ir-riżultati fil-konfront tal-finanzjamenti tal-UE, li m'għandux ikun ristrett sempliċement għall-kwantità ta' azzjonijiet imwettqa iżda għandu jinvolvi wkoll il-valutazzjoni tal-kwalità ta' dawk l-azzjonijiet; jirrakkomanda li jiġu promossi u inklużi aktar fil-fondi tal-ĠAI futuri l-indikaturi kwalitattivi li magħhom finalment jiġi mqabbel is-suċċess tal-finanzjament tal-UE;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura implimentazzjoni rapida tal-fondi l-ġodda, użu sħiħ u effikaċi tal-ammonti disponibbli, distribuzzjoni territorjali ġusta u assistenza lir-reġjuni bi prestazzjoni skarsa;
8. Jikkunsidra li ladarba t-tnaqqis kien impost fuq il-Parlament mingħajr ebda ġustifikazzjoni motivata, il-Parlament għandu jqiegħed enfasi, meta jiġi biex jikkunsidra r-rieżami intermedju, fuq l-oqsma partikolari fejn it-tnaqqis kien l-iktar konsistenti;
9. Hu tal-opinjoni, li fil-qafas tar-rieżami intermedju, il-Parlament għandu juża l-kapaċità ta' negozjar kollha tiegħu permezz tal-kodeċiżjoni, mingħajr ma jiġu imposti deċiżjonijiet u ċifri mill-Kunsill Ewropew;
10. Iqis bħala essenzjali li l-Parlament jissorvelja kif suppost l-implimentazzjoni tal-fondi mill-Kummissjoni u, fejn ikun il-każ, mill-Istati Membri; jirrakkomanda li l-Kumitati rilevanti jerġgħu jivvalutaw il-prijoritajiet tagħhom qabel ir-rieżami tal-2016 sabiex joffru gwida politika; jinnota li l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu jimpenja ruħu, bħala l-kumitat responsabbli għall-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, biex jistabbilixxi l-mekkaniżmu ta' skrutinju rilevanti.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.2.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 44 -: 5 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Salvatore Caronna, Philip Claeys, Carlos Coelho, Ioan Enciu, Frank Engel, Cornelia Ernst, Monika Flašíková Beňová, Kinga Göncz, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Sophia in 't Veld, Livia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Svetoslav Hristov Malinov, Clemente Mastella, Véronique Mathieu Houillon, Nuno Melo, Roberta Metsola, Louis Michel, Claude Moraes, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Rui Tavares, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Auke Zijlstra
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mariya Gabriel, Ana Gomes, Franziska Keller, Ulrike Lunacek, Marian-Jean Marinescu, Jan Mulder, Andrés Perelló Rodríguez
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Zdravka Bušić, Krzysztof Lisek, Csaba Sándor Tabajdi, Tadeusz Zwiefka

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	19.3.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 4 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Zuzana Brzobohatá, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Věra Flasarová, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Monika Hohlmeier, Anne E. Jensen, Sergej Kozlik, George Lyon, Claudio Morganti, Jan Mulder, Nadezhda Neynsky, Andrej Plenković, Dominique Riquet, László Surján, Oleg Valjalo, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jürgen Klute, Paul Rübige, Georgios Stavrakakis, Theodor Dumitru Stolojan
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Carmen Fraga Estévez, Sylvie Guillaume